Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10150 — Ares/OTPP/TricorBraun)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 46/05)

1. Fl-1 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ares Management Corporation ("Ares", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Ontario Teachers' Pension Plan Board ("OTPP", il-Kanada),

— TCB Holdings I Corp ("TricorBraun", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Ares u OTPP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' TricorBraun.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Ares: ġestjoni alternattiva tal-assi fl-Amerka ta' Fuq, fl-Ewropa, fl-Asja Paċifiku,

— OTPP: tamministra benefiċċji u investimenti ta' pensjoni f'assi ta' pjan ta' pensjoni f'isem għalliema attivi u rtirati fil-Provinċja ta' Ontario,

— TricorBraun: id-disinn u d-distribuzzjoni tal-imballaġġ, inklużi l-kontenituri tal-plastik, il-bexxiexa, id-distributuri u l-għeluq, il-kontenituri tal-ħġieġ u l-imballaġġ flessibbli, attiva fl-Istati Uniti tal-Amerka u internazzjonalment.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10150 — Ares/OTPP/TricorBraun

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.